Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.

Appell Nru: 115/2015

Il-Pulizja

Spettur Jonathan Ransley

Vs

Catherine Grixti

Illum 6 ta' Jannar, 2016

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellanti, Catherine Grixti, detentrici tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 561175M, akkuzata quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Fil-5 ta' Novembru, 2014, fis-14:00hrs gewwa Misrah Turu Colombo, Gzira:

1. Kisret volontarjament il-bon ordni jew l-inkwiet pubbiku;
2. Fl-istess lok, hin u taht l-istess cirkostanzi ingurjat jew heddet lil PC978 Wayne Camilleri, persuna inkarigata skond il-ligi mis-servizz pubbliku, waqt li kien qed jaghmel jew minhabba li kien qed jaghmel dan is-servizz jew bil-hsieb li tbezzaw jew li tinfluwixxi fuqu kontra l-ligi waqt l-ezekuzzjoni ta' dan is-servizz.

Rat is-sentenza tal -Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tat-18 ta' Frar, 2015, fejn il-Qorti wara li rat l-Artikoli 338(dd), 95(1) u 17 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imputata hatja tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront taghha u bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, illiberatha bil-kundizzjoni li ma twettaqx reat iehor fi zmien sitt (6) xhur u kkundannata ghal hlas ta' multa ta' tmein mitt ewro (€800). L-imputata inghatat sitt xhur zmien ghall-hlas tal-multa.
Il-Qorti spjegat lill-imputata l-konsegwenzi jekk tikkommetti reat waqt il-perjodu operattiv tas-sentenza.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Catherine Grixti pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fid-9 ta' Marzu, 2015, fejn lil din l-Onorabbli Qorti, thassar is-sentenza appellata u konsegwentement tilliberaha mill-imputazzjonijiet koliha dedotti kontriha, minn kull piena u htija, dejjem skond kull provvediment illi jintqies opportun.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellanti esebita mill- prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji ta' Catherine Grixti huma s-segwenti w cioe':-

Illi l-aggravji ta' l-esponenti huma cari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti.

L- Ewwel aggravju

Illi l-ewwel imputazzjoni kontra l-appellanta kienet (kif jirrizulta car mit-test tal-akkuza li huwa mehud minnu), ai termini tal-artikolu 95 tal-Kap IX ii jaqra hekk:

"*95. Kull min, f'kull kaz iehor mhux imsemmi fl-ahhar zewg artikoli qabel dan, jingurja, jew jhedded, jew jaghmel offiza fuq il-persuna ta' wiehed inkarigat skont il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li jkun jaghmel jew minhabba li jkun ghamel dan is-servizz, jew bil-hsieb li*

*jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz, jehel, meta jinsab hati, il-piena stabbilita ghall-ingurja, ghat-theddid jew ghall-offia, meta jsiru minghajr ic-cirkostanzi msemmijin fdan l-artikolu, mizjuda b'zewg gradi u ghal-multa ta' mhux inqas minn tmien mitt euro (800) u mhux izjed minn hamest elef euro (5,000)."*

Il-fatti tal-kaz juru b'mod car illi l-agir tal-imputata ma jista' bl-ebda mod jigi inkwadrat li jaqa' taht dan l-artikolu.

L-imputata: -

-ma ingurjatx lill-ufficjal tal-Pulizija prezenti,

-ma hedditx lill-ufficjal tal-Pulizija prezenti,

-ma influwitx fl-ezekuzzjoni tas-servizz li kien qieghed jghati,

-ma ghamlitx offiza fuq il-persuna tieghu.

L-interpretazzjoni korretta ta' dan l-artikolu tal-ligi ghandha tkun dik esposta kjarament minn din il-Qorti kif diversament presjeduta f'sentenza tal-20 ta' Gunju, 2014, Appell Kriminali Numru. 585/2012 11-Pulizija (Spettur Jurgen Vella) vs William Mercieca fejn jintqal inter alia hekk:

*"It-tieni imputazzjoni din tirreferi ghall-artikolu 95. Mill-provi jirriulta l-kliem hazin li sar fil-konfront tas-CO Camilleri. Tirrizulta wkoll l-offiza fuq il-persuna tal-persuna msemmija. Imma fil-fehma tal-Qorti l-artikolu 95 hawn japplika biss ghall offiza li ssemmiet fl-ewwel imputazzjoni. Il-kliem hazin la huwa ingurja u lanqas theddid. Ghalhekk din il-Qorti qed issib lill-appellant hati tat-tieni imputazzjoni safejn din ghandha x'taqsam mal-offiza fuq il-persuna ta' gwardjan tal-habs bhala wahda mir-reati alternattivi msemmijin taht dan l-artikolu. Skont l-artikolu 95(1) din il-piena stabbilita ghall-offiza ghandha tizdied bi grad. Fil-kawza prezenti ma saret ebda offiza fuq il-persuna. Dan huwa pacifiku."*

Il-kelma hazina li qalet l-appellanta kjarament la ma jikkostitwixxi ingurja u lanqas theddid.

Finalment, ghandu jinghad illi l-ewwel Qorti sabet lil esponenti hatja a bazi ta' l-artiklu 95(1) tal-Kap 9, li fi kwalunkwe kaz, tali sub-artiklu fil-Ligijiet ta' Malta, ma jezistix.

Tieni aggravju

It-tieni aggravju huwa fis-sens illi, apparti l-aggravji l-ohra, l-ewwel Qorti, bir-rispett kollu, ghamlet apprezzament hazin tal-provi migjuba quddiema, specjalment in konsiderazzjoni tan-nuqqas ta' sincerita' fix-xhieda ta' PC978, l-inettitudni tieghu fit-twettiq ta' dmirijietu kif ukoll l-inkwiet legittimu ta' omm li kienet ser tara lil binha jittajjar minhabba din l-inettitudni.

Bir-rispett kollu lejn l-ewwel Qorti, kieku bin l-appellanta tassew ittajjar, ma tantx kien ikun utli ghaliha illi tivventila l-ilmenti taghha b'mod civili kif mistiedna taghmel, f'cirkostanzi simili, mill-Qorti.

Ix-xhud P.C.978 ma jghidx il-verita' kollha fl-affidavit tieghu. Ihalli barra dak illi jaqbillu li ma jinstemax. Ma jghidx illi it-tfal kienu diga' hargu. Ma jghidx illi kien hemm karozza ghaddejja fi triq taht ir-responsabilita' tieghu fejn suppost ma jghaddi hadd waqt li jkunu hergin it-tfal.

U, fuq kollox, l-akbar wahda mill-mankanzi tieghu fis-suppost qadi ta' dmirijietu hija dik illi waqaf jargumenta mal-appellanta - li lanqas ma kienet indirizzat lilu - flok mar jiehu hsieb illi it-tfal ikunu safe. Dana jghidu kandidament huwa stess in kontroezami:

"Pero jiena t-triq kienet ghada ma naghlqietx mal-hin minhabba dan li gara. Minhabba dan li gara Sinjura Magistrat it-triq inghalqet ghaxar (10) minuti tard, f'dawk l-ghaxar (10) minuti waqt li jien qed nikkonfrontha lahqu dahlu hafna karozzi. F'dawk l-ghaxar (10) minuti t-tfal ta' din l-iskola."

Ghandu jinghad ukol illi hemm bosta fatti konfliggenti fix-xhieda ta' P.C.978 Wayne Camilleri. Apparti id-dettaiji koliha li konvenjentement halla barra (bhal fatt li l-appellanta kienet hierga mill-iskola, li kella t-tifel f'idejha u li kien hemm karrozza) f'nifs wiehed jghid li waqt li kien qed jaqsam il-misrah avvicinatu Catherine Grixti. Imbghad jghid illi ghaddiet minn hdejh u bdie tthares lejh waqt li keient qedha titkellem. Imbghad, ftit linji aktar l-isfel fix-xhieda tieghu jghid illi huwa avvicinha. Jiddikjara ukol illi huwa ma kienx al kurrent ta; dak li kien gara avvicinha sabiex jara x'gara, ghax skond huwa, dan gara 'mix-xejn'.

Dan jghidu ftit qabel ma jikkonferma li effetivament kienet dahlet karozza. Illi ghalhekk jidher illi jissussistu r-ragunijiet sabiex din l-Onorabbli Qorti joghgobha tiddisturba l-apprezzament tal-provi tal-ewwel Qorti stante li huwa bir-rispett car li l-appellata qatt ma messha nstabet hatja;

It-Tielet aggravju

Dan l-aggravju huwa ibbazat fuq il-fatt illi l-appellanta giet ukoll akkuzata ai termini tas-subartikolu 338(dd) tal-Kap IX, pero' anki dwar dan ma kelihiex tinstab hatja ghaliex dak illi sehh bl ebda mod ma jinkwadra ruhu fi-agir sanzjonat minn dan is-subartikolu.

Is-subartikolu in kwistjoni jaqra hekk:

338. Huwa hati ta' kontravvenzjoni kontra l-ordni pubbliku, kull min—

*"(dd) b'xi mod mehor mhux mmsemmi bandohra f'dan il-Kodci, jikser volontarjament il-bon-ordni jew il-kwiet tal-pubbliku;"*

Dan illi ghamlet l-appellanta huwa li qalet semplici kliem. Dana bl-ebda mod ma jikkwalifika fil-kontravvenzjoni kontemplata f'dan is-subartikolu. F'dan ir-rigward wiehed jirreferi ghas-sentenza ta' din il-Qorti fi-ismijiet:

"Il-Pulizija (Spettur Anna Marme Mmcallef) Vs Claudio Overend", Deciza fis-6 ta' Jannar, 2012 Appell Kriminali Numru. 22/2011, fejn intqal ezawrjentement hekk: -

"Dwar it-tieni aggravju - is-sitt imputazzjoni li hija dwar ksur tal-bon ordni u l-paċi pubblika. Il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk fis-sentenza mogħtija fid-19 ta' Novembru, 1999 fl-ismijiet 'Il-Pulizija versus Maria Concetta Green' (Volum LXXXIII Part IV paġina 441):

'L-artikolu 338(dd) tal-Kodiċi Kriminali jikkontempla r-eat komunement imsejjaħ 'breach of the peace'. L-elementi ta' dan ir-reat ġew eżaminati funditus f'diversi sentenzi u ġie ritenut li, bħala regola, ikun hemm din il-kontravenzjoni meta jkun hemm għemil volontarju li minnu nnifsu jew minħabba ċ-ċirkostanzi li fihom dak l-għamil iseħħ inissel imqar minimu ta' nkwiet jew tħassib f'moħħ persuna (li ma

tkunx l-akkużat jew l-imputat) dwar l-inkolumita' ta' persuna jew dwar l-inkolumita' ta' proprjeta', kemm b'riżultat dirett ta' dak l-għamil jew minħabba l-possibilita' ta' reazzjoni għal dak l-għemil.

L-iskambju ta' kliem, anke jekk inġurjuż jew minaċċjuż fih innifsu u mingħajr ma jkun hemm xejn aktar x'jindika li dak l-argument jista' jiżviluppa fi, jew iwassal għal, xi ħaġa oħra u aktar serja (bħal ġlied bl-idejn jew ħsara fil-propjeta') ma jammontax għall-breach of the peace fis-sens tal-artikolu 338(dd) tal-Kodiċi Kriminali.'

Waqt illi l-Qorti tal-Appell Kriminali fil-każ 'Il-Pulizija versus Charles Aquilina' (22 ta' Marzu 2005, preseduta mill-Onor.Imħallef David Scicluna' qalet dan li ġej:

'Biżżejjed issir referenza għal dak li qalet din il-Qorti diversament presjeduta fl-Appell Kriminali fl-ismijiet Il-Pulizija v. Paul Busuttil deciz fit-23 ta' Gunju 1994:

"Skont ġurisprudenza kostanti tal-Qrati tagħna, dan ir-reat javvera ruħu meta jkun hemm dak li fil-common law Ingliża kien jissejjah 'a breach of the peace'. Din l-ekwiparazzjoni ta' dana r-reat mal-kunċett Ingliz ta' 'a breach of the peace" tirrisali għal żmien Siur Adriano Dingli li proprju f'kawża deċiża minnu fl-10 ta' Ġunju, 1890, fl-ismijiet Ispettore Raffaele Calleja v. Paolo Bugeja et., kien qal hekk:

'Che il buon ordine e la tranquillita` pubblica sta nella sicurezza, o nella opinione ferma della sicurezza sociale, - nel rispetto dei diritti e dei doveri sia degli individui in faccia all'autorita` pubblica, sia degli individui stessi fra loro, e ogni atto che toglie o diminuisce la opinione della sicurezza pubblica, o della sicurezza individuale, e` violazione dell'ordine pubblico, indipendentemente dalla perpetrazione di altro reato' (Kollez. Vol. XII, p. 472, 475).

A skans ta' ħafna repetizzjoni, din il-Qorti tagħmel referenza għall-ġurisprudenza miġbura fl-artikolu intitolat 'Calleja v. Balzan: Reflections on Public order' pubblikat fil-Vol. X ta' The Law Journal - Id-Dritt (University of Malta, Autumn 1983) paġna 13 et seq., u speċjalment pagni 28 sa 31. B'żieda ma' dak li hemm f'dak l-artikolu wiehed jista' jghid li r-reat ta' 'breach of the peace' fil-liġi Skoċċiża jirrikjedi ukoll ċertu element, imqar f'ammont zghir hafna, ta' allarm. Fi kliem McCall Smith u Sheldon, fil-ktieb tagħhom 'Scots Criminal Law' Edinburgh, Butterworths, 1992:

'The essence of the offence is the causing of alarm in the minds of the lieges. This alarm has been variously defined by courts. In Ferguson v. Carnochan (1889) it was said not necessarily to be 'alarm in the sense of personal fear, but alarm lest if what is going on is allowed to continue it will lead to the breaking of the social peace'. Alarm may now be too strong a term: in Macmillan v. Normand (1989) the offence was committed when abusive language caused 'concern' on the part of policemen at whom it was directed' (p.192).

Naturalment huwa kważi impossibbli li wieħed jiddeċiedi aprioristikament x'jammonta jew x'ma ammontax f'kull każ għar-reat ta' ksur volontarju tal-bon ordni u l-kwiet tal-pubbliku. Kif jgħid awtur ieħor Skocciz, Gerald H. Gordon, fit-test awtorevoli tiegħu 'The Criminal Law of Scotland' (Edinburgh, 1978):

'Whether or not any particular acts amount to such a disturbance is a question of fact depending on the circumstances of each case, and strictly speaking probably no case on breach of the peace can be regarded as an authority of general application' (p.985, para. 41-01). U aktar 'il quddiem l-istess awtur jgħid:

'.... Although it has been held not to be a breach of the peace merely to annoy someone, such annoyance could amount to a criminal breach of the peace if the circumstances were such that it was calculated to lead to actual disturbance' (p. 986, para. 41-01)."

Fl-Appell Kriminali fi-ismijiet "Il-Pulizija v. Joseph Spiteri" deciz fl-24 ta' Mejju 1996, din il-Qorti diversament presjeduta ziedet tghid hekk:

"Il-Qorti hawnhekk tixtieq tippreciza a skans ta' ekwivoci li l-kuncett ta' "breach of the peace" kif abraccjat fl-Iskozja huwa aktar wiesa' minn kif gie interpretat mill-qrati Inglizi. Fi kliem Jones u Christie fil-ktieb taghhom "Criminal Law" (Edinburgh, Sweet & Maxwell, 1992), b'referenza ghall-ligi Skocciza in materja:

"While the major part of the criminal law of Scotland could indeed be expressed in some facile, breach-of-the-peace-type phrase, such as "doing things (or refraining from doing things) which cause, or could reasonably cause alarm or disturbance," this would lead inevitably to complete uncertainty as to what exactly the law *did* prohibit. At present there is considerable uncertainty as to what breach of the peace itself properly covers; and it would thus be most unwelcome to extend that uncertainty by enlarging the scope of breach of the peace at the expense of other, fairly well defined offences. But this is, of course, something of a vicious circle. It is precisely because breach of the peace has become so ill-defined that it has proved possible for it to stray into fields occupied by other offences. The only way to halt this process is for breach of the peace to be defined in a clearer and more limited fashion than is currently the case. Regrettably, however, there is little indication that this is likely to be so" (p. 295).

Il-kuncett Ingliz ta' "breach of the peace" li, kif inghad, il-Qrati taghna jidher li fil-massima segwew, gie spjegat mill-Professur A.T.H. Smith fil-ktieb tieghu "Offences Against Public Order" (London, Sweet & Maxwell, 1987) hekk:

"Because of the association between "peace" and "quiet", there is a natural tendency to suppose that a breach of the peace is "any behaviour that disturbed or tended to disturb the tranquillity of the citizenry". But if any legal expression is a term of art, breach of the peace is one of them. Recently the courts have refined the concept, and established very clearly that it is allied to harm, actual or prospective, against persons or property. The leading modern authority is undoubtedly the decision of the Court of Appeal in ***Howell***....Watkins L.J. said: ***"....even in these days when affrays, riotous behaviour and other disturbances happen all too frequently, we cannot accept that there can be a breach of the peace unless there has been an act done or threatened to be done which either actually harms a person, or in his presence his property, or is likely to cause such harm, or which puts someone in fear of such harm being done"***" (p. 182).

Minn dana kollu din il-Qorti tara li, bhala regola, ikun hemm il-kontravvenzjoni kontemplata fil-paragrafu (dd) tal-Art. 338 tal-Kap. 9 meta jkun hemm ghemil volontarju li minnu nnifsu jew minhabba c-cirkostanzi li fihom dak l-ghemil isehh inissel imqar minimu ta' inkwiet jew thassib f'mohh persuna (li ma tkunx l-akkuzat jew imputat) dwar l-inkolumita' fizika ta' persuna jew dwar l-inkolumita' ta' propjeta', kemm b'risultat dirett ta' dak l-ghemil jew minhabba l-possibilita' ta' reazzjoni ghal dak l-ghemil. Naturalment dawn ic-cirkostanzi iridu jkunu tali li <u>oggettivament</u> inisslu l-imsemmi inkwiet jew thassib."

Fil-kaz in dizamina, il-fatt li l-incident li wassal ghall-proceduri kontra l-appellat gara f'Paceville f'hin fejn ma jkunx hemm "kwiet u hemda", ma jfissirx ghalhekk, kif irriteniet l-ewwel Qorti, li ma seta' jkun hemm ebda disturb lill-pubbliku. Ghall-kuntrarju, aktar ma kien hemm nies aktar seta' jinfirex l-inkwiet jew thassib f'mohh dawk il-persuni. U f'dan il-kaz insibu li nqalghet glieda li fiha kienu involuti diversi nies - wiehed mix-xhieda (Marek Mazurek) isemmi bejn hmistax u ghoxrin. Il-Qorti kkwotat fit-tul dwar il-kunċett ta' 'ksur tal-paċi pubblika' għax ħafna drabi tingħata din l-imputazzjoni mingħajr ma tkun sustanzjata biżżejjed. Fil-każ li għadha kemm saret referenza għalih jidher li nqalgħet ġlieda li kient tinvolvi bejn ħmistax u għoxrin ruħ. Għalhekk wieħed jifhem għala l-appell, li kien intavolat mill-Avukat Ġenerali kien intlaqa'.

Issa min-naħa l-oħra wieħed irid jara x'għandna bħala fatti fil-każ tal-lum. Tassew li dan l-inċident ma spiċċax fi kliem biss, iżda ma damx aktar minn minuta jew minuta u nofs skont ma xehed l-istess appellant (fol 159). Barra dan, lanqas ma nġabet xi prova li nħoloq xi kaos jew disturb minħabba dan l-inċident (qabbel mal-każ li għadu kif ġie ċitat fejn kienet qamel ġlieda li nvolviet ħafna nies). Lanqas ma kien ippruvat li xi persuna (barra dawk involuti fil-ġlieda) ma ħasset xi biża' dwar il-persuna tagħha jew il-propjeta' tagħha. It-traffiku kien waqaf mhux minħabba l-ġlieda iżda minħabba li ma setax jimxi minħabba l-karozza tat-tfajla tal-appellant li kienet għadha tingombra l-karreġġjata għaliex imbagħad, malli beda jżid it-traffiku, ma setgħetx tirreversja xi ftit u tipparkja. Iżda dan mhux id-disturb li l-leġislatur

kellu f'moħħu meta daħħal din il-kontravenzjoni. U li wieħed jgħolli leħnu ma jfissirx li qed jikser il-buon ordni jew il-paċi pubblika. Għalhekk, fil-fehma tal-Qorti, il-Prosekuzzjoni ma ġabitx provi biżżejjed dwar din l-imputazzjoni. Isegwi li l-Qorti qed tilqa' dan l-aggravju tal-appellant.

Ghalhekk, anki in grigward ghal din l-imputazzjoni, l-appellanta Catherine Grixti kellha wkoll tigi liberata u mhux misjuba hatja.

Ikkunsidrat;

Illi l-appellanti fl-appell minnha interpost tilmenta b'mod ewlieni illi l-agir taghha fl-incident mertu ta' dan il-kaz bl-ebda mod ma jista' jigi inkwadrat fl-elementi li isawwru l-artikolu 95 tal-Kodici Kriminali li hija l-imputazzjoni l-aktar gravi migjuba fil-konfront taghha.

Illi l-artikolu 95 jitkellem dwar l-ingurja jew theddid fil-konfront ta'l-ufficjal pubbliku. Illi ghalhekk l-element materjal ta' dana r-reat huwa l-ingurja jew it-theddid, intenzjonat biex inaqqas il-gieh u ir-reputazzjoni tal-persuna lejn min huma diretti.

Illi l-vittma ta' dana ir-reat jista' ikun biss l-ufficjal pubbliku u l-ingurja jew it-theddida trid issir jew (1)filwaqt illi ikun qed jaghmel servizz pubbliku (2)jew inkella minhabba li ikun ghamel dana is-servizz pubbliku, (3)jew bil-hsieb li ibezzghu jew jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz.

Illi l-awturi jaghmlu distinzjoni bejn il-mottiv wara l-ingurja jew it-theddid fl-ewwel istanza u dana il-mottiv fit-tieni u it-tielet istanza imsemmija fil-ligi. Dana billi meta l-oltragg isir fil-mument illi l-ufficjal pubbliku ikun qieghed jaghti is-servizz ma huwiex necessarju illi l-ingurja jew it-theddida tkun marbuta mal-funzjoni illi huwa

ikun qieghed jezercita. L-awturi Cheveau et Helie, li isemmi il-Professur Mamo fin-notamenti tieghu, ighidu:

*"Quando l'oltraggio si verifica nel corso delle funzioni, il-motivo che lo determina e' indifferente; la legge vede soltando il turbamento, l'ingiuria fatta all'esercizio delle funzioni, l'insulto che degrada la loro dignita'; avesse pure quest'ingiuria una causa determinante estranea alle funzioni, il turbamento all'esercizio di esse sussisterebbe sempre.*"

Kuntrarjament fiz-zewg istanzi l-ohra irid ikun jigi ippruvat *nexus* bejn l-oltragg u il-qadi tal-funzjoni pubblika.

Illi huwa fatt inkontestat illi l-ingurja li saret mill-appellanti fil-konfront ta' membri tal-korp tal-pulizija kienet marbuta direttament mal-ezekuzzjoni tad-dmirijiet taghhom jew minhabba li dehrilha li l-pulizija ma kenitx qed taqdi dmirha kif suppost. Dan sar fil-pubbliku, quddiem genituri ohra u allura sehh dak it-turbament u it-tkasbir tad-dinjita' tal-pulizija li ikun qed jaqdi dmiru. Huwa dan li kellha intenzjoni taghmel l-appellanti minghajr l-icken dubbju, kif tajjeb ikkonkludiet l-Ewwel Qorti. Issa l-mottiv li wassalha sabiex tindirizza dan il-kliem ingurjuz huwa ghal kollox immaterjali. Seta' kellha ragun l-appellanti fl-indinjazzjoni li kienet qed thoss f'dak il-mument billi derhilha li l-pulizija ma kienx qed joffri is-sigurta mehtiega ghat-tfal ta'l-iskola, madanakollu dawn l-emozzjonijiet u hsibijiet qatt ma jistghu jiggustifikaw l-agir taghha. Illi din il-Qorti ma tistax hlief tkun ta'l-istess fehma bhall-Ewwel Qorti meta din stqarret illi l-ilment ta'l-appellanti kellu jigi indirizzat fil-forum appozitu u mhux bl-ghajjat u insulti f'nofs ta' triq. Zgur li b'tali agir ma kenitx ser issewwi dak li dehrilha kien nuqqas mill-ufficjali ta'l-ordni. Ma tistax il-Qorti tifhem kif l-appellanti jidhrilha illi l-kliem li indirizzat lejn il-pulizija ma jikkostitwiex ingurja meta hi stess fix-xhieda taghha hasset illi kellha tiskuza ruhha ghall-agir taghha. Il-Qorti, ghalhekk, ma tarax illi ghandha fic-cirkostanzi tiddisturba id-diskrezzjoni ezercitata mill-Ewwel Qorti li fuq kollox kellha l-opportunita tisma' liz-zewg partijiet involuti f'dan l-incident fuq il-pedana tax-

xhieda u anke tosserva il-komportament taghhom u kwindi ma issib l-edba raguni 'il ghala ghandha titbieghed mill-apprezzament minnha maghmul.

Illi finalment l-appellanti tilmenta illi ma kellhiex tirrzulta reita' ghal-akkuza kontravvenzjonali tal-ksur tal-bon ordni u il-paci pubblika. Illi lanqas hawnhekk din il-Qorti ma tista taqbel ma'l-appellanti. Dan ghaliex jirrizulta illi l-intenzjoni ta'l-appellanti meta indirizzata l-kliem ingurjuz fil-konfront tal-pulizija kien illi dawn ikollhom l-effett mixtieq mhux biss fuq il-pulizija innifsu izda ukoll fuq in-nies l-ohra, b'mod ewlieni l-genituri li kien hemm prezenti f'dak il-mument u dan sabiex twassal il-messagg illi l-pulizija ma kenitx qed taghmel xogholha sew. Din kienet l-intenzjoni taghha, kif jirrizulta minn dak mistqarr minnha stess fix-xhieda taghha. Tant l-agir taghha nissel mumenti ta' thassib f'mohh il-pulizija 978 li dan hass li kellu imur jikkonfrontaha sabiex jara x'kien il-mottiv wara l-istorbju li kienet qed taghmel. Illi li kieku hija ghaddiet biss kumment, kif issostni l-appellanti f'dan l-aggravvju, hija ma kenitx tigi avvicinata mill-pulizija biex tigi imrazzna fl-atteggjament taghha specjalment f'post pubbliku vicin skola fejn ikun hemm hafna tfal hergin mill-iskola.

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi michud u is-sentenza appellata ikkonfermata.

(ft) Edwina Grima

Imhallef

Franklin Calleja

Deputat Registratur